

31994R2063

L 216/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.8.1994

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2063/94
tas-27 ta' Lulju 1994**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru. 1360/90 li jistabilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-Kunsill Ewropew f'laqgħa fi Strasbourg fit-8 u d-9 ta' Diċembru 1989 talab lill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, sabiex jadotta d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant; billi għal dak il-għan fis-7 ta' Mejju 1990 il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 ⁽⁴⁾ li jistabilixxi l-Fondazzjoni msemmija;

Billi l-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/90 jistipula li dak ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu dwar is-sedi tal-Fondazzjoni;

Billi skond deċiżjoni meħuda permezz ta' ftehim komuni bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri f'laqgħa flivell ta' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fi Brussel fid-29 ta' Ottubru 1993 ⁽⁵⁾, il-Fondazzjoni għandha jkollha is-sedi tagħha f'Turin;

Billi, skond ir-Regolament 1360/90, il-pajjiżi eliġibbli għall-programmi tal-Fondazzjoni huma l-pajjiżi eliġibbli għal għajjnuna ekonomika permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89 ⁽⁶⁾ (il-programm "Phare"),

Billi fid-19 ta' Lulju 1993 il-Kunsill adotta r-Regolament (Euratom, KEE) Nru 2053/93 li jikkonċerna l-provista ta' għajjnuna teknika għar-riforma u l-irkuprar ekonomiku fl-Istati indipendenti

⁽¹⁾ ĠU C 82, tad-19.3.1994, p. 11.

⁽²⁾ ĠU C 205, tal-25.7.1994.

⁽³⁾ ĠU C 195, tat-18.7.1994.

⁽⁴⁾ ĠU L 131, tat-23.5.1990, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 323, tat-30.11.1993, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1764/93 (ĠU L 162, tat-3.7.1993, p. 1).

ta' l-ex Unjoni Sovjetika u Mongolja ⁽⁷⁾ magħruf bħala l-programm "Tacis";

Billi l-Istati li jirċievu assistenza permezz ta' Tacis u dawk il-pajjiżi nominati bħala eliġibbli taħt il-Phare qed jagħmlu sforzi sabiex jilħqu riforma ekonomika u soċjali, u billi l-iżvilupp ta' riżorsi umani f'dawk l-Istati kollha hu l-bażi tar-riformi li għaddejjin bhaliessa sabiex jiġi assigurat tibdil lejn ekonomija tas-suq u sabiex tiġi msaħħa d-demokrazija;

Billi l-konsistenza tal-politika tal-Komunità ta' għajjnuna ekonomika lill-Istati indipendenti ta' l-ex Unjoni Sovjetika u l-Mongolja tiġi msaħħa bl-estensjoni ta' l-operat tal-Fondazzjoni għal dawk l-Istati;

Billi l-Fondazzjoni tipprovdi qafas istituzzjonali xieraq li bih l-esperjenza tal-Komunità tista' titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' dawk l-Istati kollha sabiex tipprovdi għat-talbiet tagħhom — kif espress fl-ipprogrammar ta' l-assistenza tal-Phare u t-Tacis — f'termini ta' żvilupp u ta' ristrutturar fil-qasam ta' taħriġ vokazzjonali;

Billi l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/90 jistipula li r-regoli u r-regolamenti li jirregolaw il-personal statutorju tal-Fondazzjoni għandhom ikunu analogi għal dawk imniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (ECSC, KEE, Euratom) Nru 1859/76 tad-29 ta' Ġunju 1976 li jipprovdi għal-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' persunal taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽⁸⁾;

Billi hemm il-ħtieġa li tiġi assigurata konsistenza fil-livell tal-Komunità f'dak li jirrigwardja l-immaniġjar tal-persunal tad-diversi korpi deċentralizzati u, b'mod partikolari, li tiġi permessa l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi l-Komunikazzjoni magħmulha mill-Kummissjoni lill-awtorità dwar l-estimi fis-17 ta' Diċembru 1992 li tikkonċerna l-kontroll finanzjarju intern tgħid li r-raġunijiet għall-ħatra tal-Kontrollur

⁽⁷⁾ ĠU L 187, tad-29.7.1993, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 214, tas-6.8.1976, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (ECSC, KEE, Euratom) Nru 679/87 (ĠU L 72, ta' l-14.3.1987, p. 1).

Finanzjarju sabiex jeżerċita din il-funzjoni huma raġunijiet pragmatiki u konsiderazzjonijiet ta' effiċjenza;

Billi l-Artikolu 206a tat-Trattat ġie mħassar mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjoni l-ġdida dwar dan is-suġġett hija l-Artikolu 188c;

Billi, r-Regolament (KEE) Nru No 1360/90 ma ġiex fis-seħħ qabel it-30 ta' Ottubru 1993, is-sejbiet preliminari tal-proċedura għall-ivverifikar u l-evalwazzjoni ta' l-esperjenza miksuba fix-xogħol tal-Fondazzjoni ma setgħux jitqiegħdu quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali sal-31 ta'Diċembru 1992, kif kien meħtieġ fl-Artikolu 17 tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1360/90 huwa emendat kif ġej:

1. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament jstabilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (hawn iżjed il quddiem imsejħa 'l-Fondazzjoni') li l-għanijiet tagħha għandhom ikunu li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali:

- tal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant nominati bħala eliġibbli għal għajjnuna ekonomika mill-Kunsill fir-Regolament (KEE) Nru 3906/89 jew fi kwalunkwe att legali rilevanti sussegwenti; u
- tal-pajjiżi indipendenti ta' l-ex Unjoni Sovjetika u l-Mongolja li huma l-benefiċjarji tal-programm għall-assistenza fir-riforma u l-irkuprar ekonomiku permezz tar-Regolament (Euratom, KEE) Nru 2053/93 jew fi kwalunkwe att legali rilevanti sussegwenti.

Dawn il-pajjiżi għandhom hawnhekk iżjed il-quddiem jissejħu 'il-pajjiżi eliġibbli.';

2. Il-punt (c) ta' l-Artikolu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(c) fuq il-bażi ta' (a) u (b);

- teżamina l-iskop ta' proġetti komuni għall-assistenza fit-taħriġ inklużi proġetti pilota, biex ikunu stabbiliti gruppi multinazzjonali speċjalizzati għal proġetti speċifiċi u sabiex jiġu identifikati operazzjonijiet li jistgħu jkun kofinanzjati,

— tippovdi l-fondi għad-disinn u l-preparazzjoni ta' proġetti bħal dawn, li l-implimentazzjoni tagħhom tista' tkun finanzjata minn kontribuzzjonijiet minn wieħed jew bosta pajjiżi, flimkien mal-Fondazzjoni, jew, fkażijiet eċċezzjonali mill-Fondazzjoni waħedha;

— timplimenta, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-pajjiżi benefiċjarji fkooperazzjoni mill-bord tat-tmexxija, programmi ta' taħriġ vokazzjonali li jkun qablu fuqhom il-Kummissjoni u wieħed jew iżjed mill-pajjiżi benefiċjarji bħala parti mill-politika tal-Komunità ta' assistenza lil dawn il-pajjiżi, bl-użu ta' timijiet multidixxiplinari ta' speċjalisti f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi involuti u bl-użu attiv ta' l-esperjenza ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali tal-Komunità”.

3. Il-punt (e) ta' l-Artikolu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(e) tagħti lill-bord ta' tmexxija is-setgħa li jagħmel proċeduri għat-tfiegħ ta' offerti għal proġetti li l-fondi għalihom huma pprovduti jew li huma ko-finanzjati mill-Fondazzjoni, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni l-proċeduri stabbiliti permezz tar-Regolament (KEE) Nru No 3906/89, b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu; permezz tar-Regolament (Euratom, KEE) Nru. 2053/93, b' mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu, jew fi kwalunkwe att legali rilevanti sussegwenti;”

4. L-Artikolu 8 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 8

Rabtiet ma' azzjonijiet oħra tal-Komunità

Il-Kummissjoni, fkooperazzjoni mal-bord tat-tmexxija u, fejn hu xieraq, skond il-proċeduri esiġiti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (Euratom, KEE) Nru 2053/93, għandha tassigura konsistenza u, fejn hu meħtieġ, komplimentarjetà bejn ix-xogħol tal-Fondazzjoni u azzjonijiet oħra fil-livell tal-Komunità, sew ġewwa l-Komunità kif ukoll f'assistenza lill-pajjiżi eliġibbli, b'referenza partikolari għal azzjonijiet taħt l-iskema Tempus.”

5. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Għandha tistabilixxi fuq din il-bażi, u fil-limiti proposti ta' l-ammont kumplessiv li għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni għal għajjnuna ekonomika lill-pajjiżi eliġibbli, il-kontribuzzjoni annwali għall-estimi tal-Fondazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-abbozz preliminari ta' l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.”

6. L-Artikolu 11(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“2. L-ivverifikar tar-rabta u l-ħlas ta' l-infiq kollu tal-Fondazzjoni u l-ivverifikar taż-żamma tar-reġistri u l-ġbir tad-dħul kollu tagħha għandu jsir mill-kontrollur finanzjarju tal-Kummissjoni.”;

7. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 188c tat-Trattat.”

8. L-Artikolu 14 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 14

Regoli tal-persunal

Il-persunal tal-Fondazzjoni għandu jkun irregolat mir-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1994.

Il-Fondazzjoni għandha teżerċita fuq il-persunal tagħha l-poteri devoluti lill-awtorità responsabbli mill-ħatriet.

Il-bord ta' tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli ta' implimentazzjoni xierqa.”;

9. Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 17 id-data “31 ta' Diċembru 1992” għandha tkun mibdula bi “30 ta' Ġunju 1997”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tmien ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. WAIGEL